MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.<br>MICHAEL MALLIA

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2003

Avviz Numru. 1021/1998/1

**Alfred Mifsud**

**vs**

**John u Bridgitte Pisani**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-attur fl-14 ta’ Mejju 1998 fejn talab lil din il-Qorti  tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu mitejn lira (Lm200) dovuti lilu ghal materjal u xoghol ta’ *plumbing* esegwit fuq ordnijiet u struzzjonijiet taghhom fil-fond L-Ankra Triq il-Gibjun San Gwann.

L-imghaxijiet legali kalkolabbli mid-data tal-prezentata ta’ l-avviz u bl-ispejjez inkluzi Lm10 ghall-konsult tal-ittra legali tad-29 ta’ April 1998 u tal-Mandati ta’ Qbid numru 811/98 u ta’ Sekwestru numru 812/98 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew illi:

1. Illi t-talba ta’ l-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu stante li kien l-attur stess li wara li kien inkarigat mill-konvenuti biex jaghmel xogholijiet ta’ *plumbing*, ghamel xoghol hazin u mhux skond kif tirrikjedi s-sengha u l-arti, kif ser jirrizulta mill-provi, fil-fond tal-konvenuti liema xogholijiet hziena qed jikkawzaw danni lill-konvenuti.

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-kontro talba tal-konvenuti fejn talbu lil din il-Qorti illi:

Peress illi l-konvenuti konjugi Pisani inkarigaw lill-attur jaghmel xogholijiet ta’ *plumbing* fil-fond taghhom “L-Ankra, Triq il-Gibjun, San Gwann”.

Peress illi l-attur ghamel xoghol hazin u mhux skond is-sengha u l-arti billi ghadda komunikazzjonijiet hziena kif ukoll ghamel hsara fil-banju u fil-madum, fil-kamra tal-banju fil-fond tal-konvenuti.

Peress illi l-attur, interpellat diversi drabi biex jaghmel dak ix-xogholijiet rimedjali necessarji, baqa inadempjenti.

Peress illi ghall-fini ta’ kompetenza d-danni riklamati ma teccedix is-somma ta’ Lm1000.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attur Alfred Mifsud ghal kontro talba tal-konvenuti fejn eccepixxa:

1. Illi, t-talbiet tal-konvenuti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom stante illi x-xogholijiet li ghamel l-attur saru skond li tirrikjedi s-sengha u kif talbu l-istess konvenuti.

2. Illi minghajr pregudizzju t-tieni u t-tielet talba tal-konvenut ma jistghux jigu milqugha ghaliex qabel xejn trid tintalab dikjarazzjoni illi l-attur kien responsabbli ghad-danni.

3. Illi dejjem minghajr pregudizzju mhux minnu illi l-attur b'xi mod ikkaguna danni lill-konvenuti bix-xogholijiet li ghamel.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Gunju 1998 fejn innominat lill-Inginier Victor Bonello bhala tekniku biex jirrelata dwar it-talba ta' l-attur wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet u l-kontro-talba tal-konvenuti.

Rat ir-relazzjoni tat-tekniku fuq imsemmi pprezentat fid-19 ta' Gunju 2002 u mahluf fl-14 ta' Ottubru 2002.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-konvenuti kienu qabbdu lill-attur sabiex jaghmel xi xoghol ta' *plumbing* fil-fond taghhom, L-Ankra Triq il-Gibjun San Gwann. Wara illi saru dawn ix-xogholijiet beda jidher skular ta' ilma f'kamra taht il-kamra tal-banju. Peress illi l-konvenuti ssuspettaw illi setgha sar xi xoghol hazin minnahha ta' l-attur, zammewlu xi pagament u ghalhekk l-attur qieghed jitlob il-hlas ta' mitejn lira (Lm200) dovuti lilu ghal materjal u xoghol ta' *plumbing* esegwit fuq ordni tal-konvenuti.

L-attur qed jikkontesta li sar xi xoghol hazin. Minnhabba n-natura teknika ta' din il-kawza, l-Qorti nnominat lill-Inginier Victor Bonello illi zamm access u semgha x-xhieda.

Irrizulta li l-ilma kien gej minn *pipe* illi kien maqsum taht il-livell tal-madum. Peress illi kien qieghed fit-torba, l-ilma li kien qed joskula kien qed imur fit-torba u darba dan jimtela, jibda jiskula fil-kamra ta' taht. Kien ghalhekk illi l-perit tekniku ordna li jinqala xi madum halli jigi spezzjonat dan il-*pipe.* Meta nkixef il-*pipe* nstab illi kien maqsum minnahha ta' taht u ghad li l-kawza ta' din il-hsara ma setghetx tigi determinata, waqt l-eskussjoni tieghu, l-perit tekniku semma l-possibilta' illi waqt li kienet qed tigi

mferrxa t-torba, z-zappun qabad il-*pipe* minnahha ta' taht u qasmu, ghalhekk qal li dan ma kienx attribwit ghal xi xoghol hazin da parti ta' l-attur.

Il-Qorti hawnhekk ma tistax ma tinnutax certa konflitt bejn ix-xhieda moghtija mit-tekniku waqt l-eskussjoni u l-konkluzzjonijiet bil-miktub kif maghmula fir-relazzjoni tieghu. Fil-fatt paragrafu 3 fol 31 it-tekniku jikkonkludi illi *"mill-access irrizulta li l-attur naqas milli jaghmel ix-xoghol kif titlob is-sengha u l-arti ghax instab li l-pipe tad-drain tal-banju kien difettuz u ghalhekk kien qed iqattar l-ilma ghal gol kamra t'isfel".* Kif gia nghad pero', quddiem din il-Qorti t-tekniku xehed illi l-*pipe* kien maqsum mhux ghal xi operat da parti ta' l-attur, izda probabbilment ghal xi operat ta' terzi waqt illi dawna kienu qeghdin iqieghdu l-madum.

Din ix-xhieda tat-tekniku ghandha rilevanza qawwija fuq din il-kawza  peress illi tmur dejametrikament kontra l-konkluzzjonijiet tieghu kif maghmula fir-relazzjoni, izda l-Qorti hija ta' l-opinjoni illi x-xhieda moghtija mit-tekniku jaghmel aktar sens logiku peress illi mhux kull hsara tista tigi attribwita ghal xi nuqqas ta' sengha u arti. Fil-fatt it-tekniku ghamilha cara illi l-hsara ma kienetx f'xi gonta, fejn allura jista jaghti l-kaz illi kien hemm xi traskuragni ghax ma nghatatx kolla bizzejjed jew inkella li l-gonta ma saritx kif suppost. Il-hsara kienet fil-*pipe* nniffsu, fuq in-nahha ta' taht fejn allura jidher illi l-hsara saret b'mod accidentali. Il-Qorti ma tistax titribwixxi din il-hsara ghal xi traskuragni da parti ta' l-attur, u ghalhekk sejra toqghod interament fuq ix-xhieda moghtija mit-tekniku u tiskarta dan il-paragrafu numru 3 a fol 31.

Ghal fini tal-kontro talba pero',  l-Qorti sejra taccetta biss id-dikjarazzjoni ta' l-attur li huwa qata' qasir il-fardal tal-banju, u kien accetta li jhallas ghal wiehed gdid. Ghalhekk il-Qorti lesta li taccetta li filwaqt illi ma sar xejn hazin fix-xoghol li ghamel l-attur ghal dak li jirrigwarda t-tqeghid tal-*plumbing*, jidhrilha illi ghal dan il-fardal, l-attur naqas u ghandu jikkompensa lill-konvenuti. Meta l-Qorti rat il-prospett maghmul mit-tekniku a fol 34 jidhrilha li l-ispejjez li ghandhom jigu akkolti huma l-ghaxar liri (Lm10) ghal

xoghol biex jitwahhal il-fardal, hamsa u erbghin lira (Lm45) ghall-ispiza tal-fardal u hames liri (Lm5) sealer, b’kollox sittin lira (Lm60). Huma dawn l-ammonti li ghandhom jitnaqqsu mit-talba ta’ l-attur li mill-bqija timmerita konferma. Ghal bqija tal-kontro-talba, peress illi ma rrizultax illi x-xoghol illi ghamel l-attur ma kienx skond l-arti u s-sengha, mhux il-kaz illi l-Qorti tiehu konjizzjoni tat-talbiet u ghalhekk ghandhom jigu michuda.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ t-talba ta’ l-attur u tikkundanna lill-konvenuti li jhallsuh is-somma ta’ mija u erbghin lira (Lm140) dovuti lilu ghal materjal u xoghol ta’ *plumbing* esegwit fuq ordnijiet u struzzjonijiet taghhom fil-fond L-Ankra Triq il-Gibjun San Gwann.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali mid-data ta’ din is-sentenza illi ghandhom jithallsu kwantu ghal tlett kwarti mill-konvenuti u kwart mill-attur.

--------------------------------TMIEM--------------------------------